MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2008

Appell Kriminali Numru. 204/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Keith Darmanin**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva b'att ta' citazzjoni kontra Keith Darmanin, bin Charles u Grace nee Vella, imwieled fis-26 ta' Awissu 1977, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 454277M, talli (**1**) nhar it-13 ta' Lulju 2003 f'Hal-Tarxien, ikkommetta serq ta' flus minn *vending machine* sitwata hdejn Lazda Supermarket fi Triq il-Gudja, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u sar ghad-detriment ta' Lewis Brincat; u (**2**) aktar talli kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza datata 27 ta' Lulju 2001 fejn kien misjub hati ta' reat u liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Gunju 2008 li, fuq ammissjoni ta' l-imputat – ammissjoni ga registrata fl-10 ta' Mejju 2004 – dik il-Qorti, wara li ddikjaratu hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, ikkundannatu ghall-piena ta' tmintax (18) il xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin skond l-Artikolu 28A tal-Kap. 9, kif ukoll ghamlet, fil-konfront ta' l-istess Keith Darmanin, Ordni ta' Supervizjoni skond l-Artikolu 28G b'mod li qieghdet lill-istess Darmanin taht is-supervizjoni tal-Ufficjal Sorveljanti Maryanne Zammit ghal tmintax (18) il xahar;

Rat li ghalkemm l-imsemmi Keith Darmanin talab is-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza ghall-fini ta' appell – liema talba giet debitament akkordata dik il-gurnata stess li nghatat is-sentenza – huwa baqa' ma appellax;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu pprezentat fit-3 ta' Lulju 2008, li permezz tieghu huwa talab li din il-Qorti tirriforma l-imsemmija sentenza billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ddikjarat lill-imsemmi Keith Darmanin hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, thassarha u tirrevokaha kwantu ghall-piena inflitta (cioe` tmintax-il xahar prigunerija sospiza ghal tlett snin u ordni ta' supervizjoni ghal tmintax-il xahar) u minflok tghaddi biex tinfliggi piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet kemm fl-udjenza tat-22 ta' Settembru 2008 kif ukoll f'dik tal-lum; semghet ukoll fl-udjenza tal-lum lill-Ufficjal tal-Probation Maryanne Zammit; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Generali huwa wiehed semplici, u cioe` li l-ewwel qorti ma setghetx f'dan il-kaz taghti piena ta' prigunerija sospiza in vista ta' dak li jipprovdi il-paragrafu (c) tas-subartikolu (7) ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. 9. L-Avukat Generali kjarament ghandu ragun. Id-disposizzjoni appena msemmija tipprovdi car li sentenza ta' prigunerija ma tistax tigi sospiza skond ordni maghmul taht l-Artikolu 28A(1) jekk ir-reat li tieghu l-persuna tkun instabet hatja ikun gie kommess fil-periodu ta' *probation*

jew ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni skond id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation*. Effettivament ir-reat dedott fl-ewwel imputazzjoni – serq fit-13 ta’ Lulju 2003 – gie kommess fil-periodu ta’ *probation* ta’ tlett snin, liema ordni ta’ *probation* sar mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-27 ta’ Lulju 2001. Ghalhekk f’dan il-kaz is-sentenza ta’ prigunerija ma setghetx tigi sospiza, bil-konsegwenza li anqas seta’ jsir l-Ordni ta’ Supervizjoni skond l-Artikolu 28G tal-Kap. 9.

Din il-Qorti, ezaminat bir-reqqa kemm il-*Pre-Sentencing Inquiry Report* tat-28 ta’ Lulju 2004 (fol. 17 sa 28) kif ukoll ir-rapport addizjonali tat-2 ta’ Frar 2007 (fol. 43 sa 47), u hadet in konsiderazzjoni wkoll dak li kellha xi tghid l-Ufficjal tal-*Probation* Maryanne Zammit fl-udjenza tal-lum. Ghakemm jista’ jkun minnu li l-appellat m’ghadx ghandu l-problema ta’ droga kif kellu sa ftit xhur ilu, din il-Qorti, rinfaccjata b’appell biss min-naha ta’ l-Avukat Generali (ma hemmx appell da parti tal-hati), u ppernjat dan l-appell kif inhu biss fuq il-gravam li f’dan il-kaz l-ewwel qorti ma’ setghetx <u>tissospendi</u> l-piena skond l-Artikolu 28A(1), ftit li xejn tista’ taghmel hlief li <u>tnehhi l-ordni ta’ sospensjoni</u> u l-konsegwenti ordni ta’ supervizjoni, b’mod ghalhekk li l-piena ta’ prigunerija nflitta tkun wahda b’effett immedjat.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali u tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn iddikjarat (fuq ammissjoni) lil Keith Darmanin hati skond iz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, kif ukoll f’dik il-parti fejn ikkundannatu ghall-piena ta’ tmintax (18) il xahar prigunerija, thassarha u tirrevokaha fil-bqija, cioe` fejn issospendiet il-piena ta’ prigunerija ghal periodu ta’ tlett snin skond l-Artikolu 28A(1) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll fejn qieghdet lill-hati taht is-supervizjoni tal-ufficjal sorveljanti Maryanne Zammit ghall-periodu ta’ tmintax-il xahar skond l-Artikolu 28G ta’ l-istess Kodici, b’mod ghalhekk li l-piena ta’ prigunerija ghandha tibda tigi skontata mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------